**Wieħed u tletin sena ilu**

Wieħed u tletin sena
Int Mulej daħħaltni mal-Kapuċċini,
F'dil-mixja hekk twila u kollha mżewqa
Bit-tlugħ, b'inżul, bħal xini.

Hekk kelli nbaħħar f'baħar
Bil-bosta kbir, emmnuni jien ma nkejlux,
Baħar inċanat b'kull xorta ta' ħlejjaq
Dan kollu ma niftakrux.

Imma ħaġa niftakar
'L-Mulej lili tassew ma ħallieni qatt,
Għax anki meta r-riħ nefaħ bil-kontra
Lilu sibt minn fost kulħadd.

Għalhekk illum qed nifraħ
Għal tjubietu li dejjem baqgħet miegħi,
U jiġu kemm jiġu nies ġewwa ħajti
Imħabbtu biss hi tiegħi.

Infaħħru kemm farraġni
Meta ħaddieħor qagħad jitfagħli l-ġebel,
Imma għeb qisu qatt m'għadu jeżiżti
Imħabbet Ġesù ħemel.

Illum wara bosta snin
Kemm nifraħ bik għax lilek sibt O Ġesù,
Fejn tidħol int ma jidħolx le kull bniedem
Inti tfejjaqni bil-virtù.

Li joħorġu minn qalbek
U jinfduli b'qawwithom 'l qalbi ċkejkna,
Ġesù, il-Ħniena Divina u bla qjies tiegħek
Hi ħajjitna msejkna.

F'dal-jum miegħek se nifraħ
Kulħadd idabbar rasu, tibqa' int biss,
U biex turini kemm tassew int tħobbi
U tgħannaqni kif imiss.

Tagħtini lill-Marija
L-għażiża Ommok li int tajtni b'Ommi,
Meta nintefa' dirgħajha ħanina
Tbissima jfaqqa' fommi.

Magħkom jien niċċelebra
Dan l-anniversarju, lilkom ħa jqimu,

L-art, is-sema w l-istorja ċkejkna tiegħi
Wieħed w tletin sena ilu.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.